**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX0**
**GURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Avd. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum il-Gimgha 12 ta' Frar 2021**

Rikors Guramentat Numru 92/2018

Joseph Raymond Aquilina et

Vs

Riteanne Bigeni

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Joseph Raymond Aquilina u Stephanie Frendo fit-18 ta' Dicembru 2020, permezz ta' liema jitlobu lil din il-Qorti sabiex ai termini ta' l-Artiklu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tghaddi ghad-decizjoni fir-rigward ta' l-ispejjez legali kollha komprizi dawk tal-protest gudizzjarju pprezentat fis-06 ta' Awissu, 2018 kontra l-konvenuta.

Rat id-Digriet taghha ta' l-04 ta' Jannar, 2021 fejn a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti appuntat ir-Rikors ghas-smigh ghad-29 ta' Jannar 2021 fil-11:30a.m. u ordnat li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid sabiex jidhru quddiemha;

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Joseph Raymond Aquilina u Stephanie Frendo vs RiteAnne Bigeni" Rik. Nru. 92/2018, liema kawza giet deciza b'sentenza pronunzjata minn din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru 2020 u rat ukoll l-istess imsemmija sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Artiklu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta Qorti tal-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell *ab omissa decisione* izda, kull wahda mill-partijiet tista', fi zmien hmistax-il gurnata minn dak inhar tas-sentenza, permezz ta' rikors, titlob lil dik il-Qorti li taqta' tali talba u dana wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid. F'tali kaz, iz-zmien ghall-appell mis-

sentenza kollha jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dakinhar tal-ahhar decizjoni.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-attur ipprezenta r-Rikors tieghu entro t-terminu prefiss mil-ligi u jirrizulta wkoll li l-partijiet gew imharrkin mill-gdid biex jergghu jidhru quddiem din il-Qorti. Ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta ma gietx notifikata la bir-rikors u lanqas bid-digriet ta' l-04 ta' Jannar 2021, madankollu l-legali tal-konvenuta deher fis-seduta tad-29 ta' Jannar, 2021 u minbarra li ta ruhu b'notifikat bir-rikors ta' l-atturi tat-18 ta' Dicembru, 2020, iddikjara li qed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din il-Qorti[1].

Illi m'hemmx dubbju li t-talba tal-atturi hija gustifikata;

Ghaldaqstant, it-talba tal-atturi kif dedotta qed tigi milqugha u b'hekk tiddeciedi ulterjorment ghas-sentenza fl-ismijiet "Joseph Raymond Aquilina u Stephanie Frendo vs RiteAnne Bigeni" Rik. Nru. 92/2018, deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Dicembru 2020 billi:

Tordna lill-konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-kawza hlief ghall-ispejjez tal-procedura odjerna istitwita a tenur ta' l-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta liema spejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

---

[1] Verbal a fol 117 tal-process